MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2003

Talba Numru. 366/2003

**Malta Institute of Management
vs**

**Joseph Bonnici**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Frar 2003, fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u tmienja u tletin lira Maltija u hmistax-il centezmu (Lm438.15) rapprezentanti bilanc minn somma akbar minnu dovuta lis-socjeta` attrici versu l-hlas ta' l-iskrizzjoni tieghu ghall-kors maghruf bhala DBA 1, Part 3 organizzat mill-istess socjeta` attrici, bl-imghax legali mill-31 ta' Marzu, 2000 u bl-ispejjez kollha kontra l-istess konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Chris Cilia ghall-istitut attrici li kkonferma li l-ammont ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istitut attrici s-somma ta' erba' mija u tmienja u tletin lira Maltija u hmistax-il centezmu (Lm438.15) bl-imghaxijiet legali mill-31 ta' Marzu, 2000.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------